**11 ta' April, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Anthony Vassallo

*versus*

Mario Apap

**Danni - Inċident Awtomobilistiku**

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u laqgħet it-talbiet ta' l-attur fejn iddikjarat lill-konvenut responsabbli għall-inċident awtomobilistiku.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fil-21 ta' Ġunju, 1983, fejn Anthony Vassallo ħarrek lil Mario Apap biex jidher quddiem l-istess Qorti u hemm jgħid għaliex ma kellux jiġi kkundannat iħallas lill-attur is-somma ta' Lm50 bħala danni minnu sofferti minħabba kolliżjoni li ġrat fit-3 ta' Mejju, 1983, fi Triq San Enriku, kantuniera ma' Triq il-Kulleġġ Antik, tas-Sliema bejn il-vettura numru R-0317 misjuqa mill-

attur u dik numru S-8485 misjuqa mill-konvenut, għal-liema kolliżjoni kien responsabbli l-istess konvenut; bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata fit-18 ta' Lulju, 1983, fejn l-istess Apap talab li tiġi rriġettata t-talba ta' l-attur għaliex il-kolliżjoni saret ħtija ta' l-istess attur;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 1983, fejn it-talba attriċi ġiet miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat in-nota ta' l-appell ippreżentata mill-istess Anthony Vassallo fit-13 ta' Ottubru, 1983 u l-petizzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru, 1983, fejn ġiet mitluba r-revoka ta' l-istess sentenza u li tiġi milqugħa t-talba tiegħu bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-risposta ta' l-istess Mario Apap ippreżentata fil-31 ta' Ottubru, 1983, fejn talab li l-appell magħmul minn Vassallo jiġi miċħud;

Semgħet l-Avukat Tonio Borg għall-appellant u l-Avukat Renato Cefai għall-appellat;

Ikkunsidrat illi għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija tat-3 ta' Mejju, 1983, l-appellant kien qiegħed isuq karozza numru R-0317 minn Triq il-Kulleġġ Antik, tas-Sliema; meta wasal ħdejn Triq San Enriku li kienet tisbokka fuq Triq il-Kulleġġ Antik fuq ix-xellug ta' l-appellant, huwa ġie involut f'ħabta ma' karozza numru S-8485 misjuqa mill-appellat. Dina l-karozza ta' l-aħħar kienet diretta għal ġo Triq San Enriku, f'dak il-mument. Il-karozza ta' l-appellant soffriet ħsara li l-attur jallega li tilħaq

l m50. Il-karozza ta' l-appellant ġratilha ħsara li tibda fil-parti tan-nofs tax-xellug u testendi tul il-bieba ta' wara sal-*mudguard* fuq ir-rota tax-xellug ta' wara. Il-karozza ta' l-appellat soffriet ħsara fuq l-*indicator* ta' wara tal-lemin;

Anthony Vassallo jattribwixxi l-ħtija lil Mario Apap għaliex jgħid li dana reġa' lura fuqu waqt li huwa kien għaddej dritt għal triqtu fi Triq il-Kullieġġ Antik. Mario Apap jattribwixxi l-ħtija lil Vassallo għaliex jgħid li l-ħabta saret meta huwa (Apap) kien wieqaf u saret għaliex Vassallo żamm wisq issikkat max-xellug għalkemm kellu wisgħa biżżejjed biex jgħaddi minn wara l-karozza ta' Apap;

Wara eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ dina l-*Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-ħabta bejn iż-żewġ vetturi* saret għaliex il-karozza misjuqa mill-appellat bilfors kienet misjuqa lura minnu fil-ħin li kienet għaddejja minn warajha l-karozza l-oħra misjuqa mill-appellant. Għalkemm l-appellat jiċħad li huwa sāq lura, però mix-xhieda tiegħu stess jirriżulta li waqt li kien wasal biex jidħol fi Triq San Enriku bl-*indicators* mixgħulin, huwa sab quddiemu karozza oħra ħierġa minn dik it-triq u allura huwa waqaf sabiex iħalliha tgħaddi. Kien f'dak il-mument li huwa jgħid li l-karozza tiegħu ġiet milquta minn dik misjuqa mill-appellant;

L-appellant jgħid li l-karozzi ħabtu għaliex waqt li kien għaddej minn wara l-karozza misjuqa mill-appellat dana reġġa' lura, ma hemm ebda provi li juru li l-appellant kellu għalfejn jikser lejn ix-xellug f'dak il-mument, u huwa wisq naturali li wieħed isostni illi huwa kien miexi għad-dritt u kompla miexi għad-dritt. Allura jsegwi li jekk, kif jgħid l-appellat, il-karozza ta' l-appellat kienet wieqfa u jekk, kif juri l-kwadru ġenerali tal-provi l-appellant kien miexi dritt il-vetturi ma kienu jaħbtu qatt;

Meta wieħed iqis iċ-ċirkostanza li l-ħsara fil-karozza ta' l-appellant saret min-nofs tax-xellug lura sal-*mudguard* tar-rota ta' wara, u ċ-ċirkostanza l-oħra illi l-ħsara tikkonsisti f'żewġ barxiet paralleli min-nof għal wara li għandhom għoli uniformi mill-art, wieħed għandu jiġbed il-konklużjoni li: (1) il-karozza ta' l-appellat ġiet irriversjata u ħabtet ma' l-oħra ta' l-appellant, wara li dina ta' l-aħħar kienet ġà qabżet sa nofsha l-karozza ta' l-appellat (li kieku ma kienx hekk, il-ħsara kienet tkun fuq il-parti tax-xellug ta' quddiem fil-karozza ta' l-appellant) u (2) il-barxiet saru fil-karozza ta' l-appellant waqt li dina kienet miexja (li juri li s-sewwieq ma kienx qiegħed jistenna li l-karozza l-oħra kienet sejra tirriversja waqt li huwa kien għaddej minn warajh);

Minn dana joħroġ illi l-ħtija tal-ħabta bejn iż-żewġ karozzi għandha taqa' fuq il-konvenut appellat. Id-danni sofferti mill-attur appellant *jilħqu Lm45*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fl-10 ta' Ottubru, 1983, tiddikjara l-imsemmi Mario Apap responsabbli għad-danni *sofferti minn Anthony Vassallo fil-kolliżjoni de quo, tillikwida* l-ammont tad-danni fis-somma ta' Lm45 u tikkundanna lill-istess Apap iħallas bħala danni lill-imsemmi Vassallo dana l-ammont;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu kwantu għal disa' *deċimi mill-konvenut appellat u deċima parti mill-attur* appellant.